4 ta' Gunju, 1951

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Joseph Farrugia *versus* Arturo Perici**

**Appalt — War Damage Commission — Rikostruzzjoni ta' Fond Skond Pjanta Ġdida.**

*Min jassumi li jirrikostruwixxi fond imġarraf bil-ħidma tal-għadu bil-ftehim li jitħallas ta' xogħlu minn għand il-War Damage Commission ma hux lokatur ta' l-opera, imma appaltatur li jassumi li jagħmel opera determinata bi prezz determinat.*

*Ma jistax jingħad li l-prezz mhux determinat billi jkun għadu mhux magħruf kemm ser ikun l-indennizz li toħroġ għal dak ix-xogħol il-War Damage Commission; għax dik id-determinatezza tiġi bil-fatt li l-appaltatur jirrimetti ruħu għall-kumpens li tagħtih il-War Damage Commission.*

*Imma jekk ir-rikostruzzjoni ssir fuq pjanta diversa minn dik tal-fond kif kien qabel ma ġġarraf, l-appaltatur għandu jiġi ndennizzat mill-kommittent tax-xogħol u spejjeż iżjed li tiswielu d-diversità tal-pjanta u li tagħhom il-Kummissjoni ma tagħtihx indennizz.*

*Jekk imbagħad l-appaltatur ikun aċċetta li jagħmel ir-rikostruzzjoni skond il-pjanta l-ġdida, għax ikun ġie assikurat mill-kommittent, jew mill-perit minnu mqabbad, li dik il-pjanta l-ġdida mhix sejra tikkaġunalu spejjeż żejda li ma jiġux rifużi mill-Kummissjoni, u b'dan kollu dawn l-ispejjeż żejda jirrerifikaw ruħhom, l-appaltatur għandu dritt għal dawn l-ispejjeż żejda minn għand min tah l-appalt.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attur, wara li qal li huwa għandu jieħu minn għand il-konvenut is-somma ta' £304. 5. 8, bilanċ ta' somma akbar, għal diversi xogħlijiet ta' kostruzzjoni li huwa għamel lill-konvenut fil-fond 56/57 St. Lazarus Street, Cospicua; u li l-konvenut, diversi drabi nterpellat, ma ħallasx; talab illi l-konvenut ikun kundannat li jħallas lill-attur is-somma fuq speċifikata ta' £304. 5. 8 għar-raġunijiet fuq premessi. Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż, u b'riżerva ta' drittijiet oħra kompetenti lill-attur;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 1950, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur kif miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi jirriżulta li l-konvenut kellu l-post imsemmi fiċ-ċitazzjoni—li allura kien wieħed biss—imwaqqa' fil-gwerra, u ried itellgħu u jkkonvertih f'żewġ postijiet. Għal dana x-xogħol huwa avviċina lill-inġinier Mortimer bħala direttur, u ġie mqabbad l-attur bħala mgħallem għax-xogħol meħtieġ. Fl-24 ta' Lulju 1947, wara li l-attur ra l-pjanta kif kellu jinbena l-post, saret bejnu u l-konvenut l-iskrittura li tagħha hemm kopja fol. 9 tal-proċess, li biha l-attur obbliga ruħu li jagħmel bi spejjeż tiegħu kwalunkwe xogħol ta' riparazzjonijiet li kie-

nu meħtieġa f'dak il-post, imma li kienu dovuti bil-gwerra biss. Il-konvenut awtorizza lill-attur li jirċievi hu direttament mill-War Damage Commission kwalunkwe kumpens li tal-volta jkun dovut minnu in konnessjoni ma' dawk il-ħsarat tal-gwerra; u l-konvenut ma kellu jassumi ebda responsabilità quddiem dik il-Kummissjoni; b'mod li l-attur ma kellu ebda dritt li jitlob minn għand il-konvenut l-ammont li tiegħu ma kienx indennizzat minn dik il-Kummissjoni;

Illi meta l-attur mar biex jibda x-xogħol, induna li l-post ma kienx sejjer jinbena bħal ma kien qabel........... u konsegwentement *avviċina* lill-*inġinier* Mortimer dwar daqshekk; imma dan assikurah li x-xogħol skond il-pjanta l-ġdida ma kienx sejjer jimporta spiża akbar milli kieku sar skond il-pjanta l-qadima (fol. 25), u li kwindi huwa kellu jirċievi s-somma kollha tax-xogħol tiegħu. Fil-kors tax-xogħol, u sakemm spiċċah, l-attur irċieva mill-War Damage Commission l-ammont ta' £1000 f'diversi akkonti (fol. 61). L-inġinier Mortimer kien bagħat "claim" għal dana x-xogħol ta' £1714. 10. 4, imma l-Kummissjoni ddeduċiet minnha £632. 2. 3, b'mod li l-kumpens ġie ta' £1082. 8. 1. In segwitu għal rimostranzi ta' l-inġinier Mortimer il-Kummissjoni awtorizzat żieda ta' £327. 16. 7; b'mod li l-kumpens ġie għas-somma ta' £1410. 4. 8. B'*dana l-mod l-attur ġie skopert fis-somma* mitluba fiċ-ċitazzjoni, £304. 5. 8...........;

Il-konvenut jissottometti illi l-iskrittura li saret bejnu u l-attur tikkostitwixxi appalt; u la darba l-attur b'dik l-iskrittura irrimetta ruħu għall-ħlas tax-xogħol li tagħmel il-War Damage Commission, b'mod li huwa assuma wkoll l-obligu li *ma jistax jitlob minn għand il-konvenut xi ammont li tiegħu* ma jkunx indennizzat minn dik il-Kummissjoni, l-attur ma għandux dritt li jdur issa kontra tiegħu, meta l-Kummissjoni ma awtorizzatx l-ammont tal-flus tax-xogħol li jippretendi li għamel l-attur;

Illi l-figura ġuridika ta' l-attur fix-xogħol fuq imsemmi ma kienetx dik ta' sempliċi *lokatur d'opera*, imma, għall-kuntrarju, dik ta' imprenditur ta' "opera ad appalto", jew ta' "cottimista"; għaliex huwa ma kienx sejjer jaħdem b'salarju, taħt id-direzzjoni ta' ħadd ieħor u b'materjal fornit minn

ħadd ieħor, imma assuma li jagħmel l-opra determinata kontra pagament, u b'impjeg ta' materjal fornit minnu stess;

Il-*Baudry* jiddefinixxi l-"*cottimo*" hekk:— "Il *cottimo* è *uno stato* particolareggiato dei lavori da fare e dei materiali da impiegare, con indicazione del prezzo dei materiali u della mano d'opera" (Vol. Locaz. II. Parte II, para. 3862). U l-Laurent:— "Il cottimo è il contratto di locazione d'opera intervenuto fra il padrone e l'intraprenditore. Quello che caratterizza il cottimo si è che esso interviene *fra il padrone ed* un imprenditore d'opera, il quale si obbliga a condurre a termine l'opera *mediante un prezzo* fissato in ragione del valore *dell'opera stessa*" (*Vol.* XXVI, *Degli Appalti e dei Cottimi*, para. 1, *pag.* 1). U r-Ricci:— "L'appaltatore è un industriale che, impiegando il proprio capitale, e servendosi a sua volta dell'opera altrui, si assume il compito o l'impresa di eseguire un'opera per conto altrui mediante una convenuta retribuzione, mercede o prezzo. L'appaltatore dicesi anche cottimista, nel comune linguaggio, allorchè nella esecuzione dell'opera impiega materia sua propria" (Dritto Civile, Vol. VIII, para. 227);

Illi għalhekk l-attur, li *assuma li jagħmel opera determinata*, jiġifieri li jibni d-dar fil-kwistjoni fuq il-pjanta li ġiet murija lilu (fol. 25) u bil-prezz determinat, jiġifieri dak li kellha toħroġ il-War Damage Commission, kien il-veru u proprju "cottimista". Jista' jingħad li fl-iskrittura magħmula bejn il-kontendenti ma kienx hemm pattwit prezz determinat, u għalhekk ma hemmx il-figura ta' l-appalt. *Dwar daqshekk* għandu jingħad, b'analoġija għall-ġurisprudenza (App. 3 ta' Marzu 1920, "*Voudrey vs. Chircop*", Vol. XXIV—I—414), li *għalkemm fl-iskrittura ma ġiex determinat prezz fiss*, però l-attur bi klawsola appożita fl-istess skrittura irrimetta ruħu dwar il-ħlas lejn l-awtorità kompetenti, lill-War Damage Commission; jiġifieri huwa qagħad għal kull ħlas li tagħmel dik il-Kummissjoni, u għalhekk il-prezz għandu jitqies li ġie determinat minn qabel. Konsegwentement, jekk l-attur, bħala appaltatur, ħadem ix-xogħol li huwa effettivament intrapprendà minn għand il-konvenut, u l-War Damage Commission, bħala l-awtorità kompetenti f'dana l-każ, fid-diskrezzjoni tagħha dehrilha li għax-xogħol li kien imissu jsir, bħala dak intra-

priż minnu, l-attur ma ħaqqux ħlief l-ammont li hija awtorizzat, l-attur ma jistax jilmenta, la darba fl-iskrittura fuq imsemmija huwa rrimetta ruħu għad-deċiżjoni ta' dik il-Kummissjoni;

Illi però, ma jidherx li l-attur ħadem l-istess xogħol li huwa intrapprenda minn għand il-konvenut; anzi jidher li għamel xogħol akbar; u dan għamlu minħabba l-aġir tal-konvenut. Infatti l-attur intrapprenda l-appalt fuq il-pjanta li ġiet lilu murija mill-konvenut. Din ma kienetx il-pjanta tal-post kif kien qabel, imma ta' post kif riedu li jiġi rikostitwit il-konvenut. L-attur, meta ffirma l-iskrittura, ma kienx jaf b'din iċ-ċirkustanza (fol. 25), u sar jaf biha mhux għax qallu l-konvenut, imma għaliex meta mar biex jibda x-xogħol naturalment induna mill-pedamenti l-antiki li l-post ma kienx bħall-post li l-konvenut ried itaffa'. Għalhekk huwa ppreveda li kien sejjer ikun hemm xogħol aktar, u li l-War Damage Commission ma kienetx sejra tħallas għalih, u hekk mar ifittex lill-inġinier Mortimer dwar dawshekk........... Fuq dina l-assikurazzjoni ta' l-inġinier Mortimer l-attur beda x-xogħol u kompla x-xogħol sa l-aħħar...........;

Illi minn dak li ntqal fuq jidher li l-attur assuma x-xogħol fuq il-pjanta li ġiet murija lilu qabel ma ffirma l-iskrittura; liema pjanta, skond l-assikurazzjoni ta' l-inġinier Mortimer, li kien imqabbad mill-konvenut, kellha timporta l-istess spiża daqs dik kif kien il-post qabel;

Illi jirriżulta li fil-11 ta' Frar 1947 (fol. 71), jew xi ħames xhur qabel ma saret dik l-iskrittura...........; Meta l-konvenut bagħat dik l-iskeda, il-Kummissjoni eżiġiet minn għandu żewġ prospetti tax-xogħlijiet........... wieħed tal-fond kif kien qabel, u l-ieħor kif kien sejjer isir........... u fit-12 ta' Ġunju 1947, jew xi xahar u nofs qabel l-iskrittura, huwa indika lill-Kummissjoni l-istima tax-xogħol biex il-post jitla' kif kien qabel, u din kienet £1154, kif ukoll l-istima tax-xogħol biex il-post jittalla' kif riedu l-konvenut, jiġifieri alterat, u din kienet £1265. 19. 0 (fol. 62 tergo). Allura l-Kummissjoni approvat il-pjanta tax-xogħol il-ġdid, imma awtorizzat il-ħlas taxxogħol bħalli kieku l-post kien sejjer jitla' bħal qabel, jiġifieri fl-ammont ta' £1154 (fol. 62). F'dana l-istadju saret l-iskrittura. Fil-kors tax-xogħol l-inġinier Mortimer għamel "claim"

għal £1702. 19 10......... In segwitu għal xi rimostranzi....... il-Kummissjoni żiedet......... Għalhekk l-attur......... gie li baqa' skopert fi £304. 5. 8, li huwa appunta l-ammont li qiegħed jitlob kontra l-konvenut b'din l-azzjoni;

Illi dan kollu li gà ntqal juri biċ-ċar li sa dak in-nhar ta' l-iskrittura, anzi xi xahar u nofs qabel, il-konvenut kien jaf, jew kien imissu kien jaf, għax l-inġinier Mortimer kien iktejnja għan-nom tiegħu, li l-pjanta li ta lill-attur, u li dan intrapprenda xogħol fuqha, kienet sejra tiġi mħallsa mill-War Damage Commission fl-interezza tagħha b'ammont ta' £111. 19. 0 anqas; konsegwentement l-inġinier Mortimer ma seta' qatt jassikura lill-attur li l-pjanta l-ġdida kienet tinvolvi spiża ħafna superjuri għal dik ta' qabel........... Il-konvenut, meta ra l-pjanta bl-alterazzjonijiet, ma qalx lill-inġinier Mortimer biex iżomm ruħu fil-limiti ta' l-ispiża tal-pjanta l-oħra........... u kien jaf........... li l-pjanta l-ġdida kellha timporta spiża akbar minn dik pagabili mill-War Damage Commission, huwa kien fid-dover li jgħarraf b'dan lill-attur. F'kull każ huwa għandu jirrispondi għal kull telf li sofra l-attur minħabba dana l-aġir tiegħu, għax jikkostitwixxi "dolo";

Illi, infatti, l-attur, meta ffirma l-iskrittura u qagħad għall-prezzijiet li kellha tħallas il-War Damage Commission, ma seta' qatt jipprevedi — la darba l-konvenut, li kien jaf b'kollox, ma qallu xejn, u la darba l-inġinier Mortimer, li kien jaf b'kollox ukoll, assikurah il-kuntrarju—li l-pjanta li hu kien ra meta ffirma dik l-iskrittura kienet differenti minn dik talpost kif kien qabel, u li kellha timporta spiża superjuri li l-War Damage Commission ma kienetx lesta biex tħallas id-differenza. Għalhekk l-attur huwa ntitolat li jitħallas għad-differenza til-prezz minn għand il-konvenut—ħaġa li ssuġġeriha l-istess inġinier Mortimer (fol. 24 tergo u 25 tergo)—għaliex huwa sab ruħu "di fronte un avvenimento imprevedibile, il quale fa sì che la opera non resti più inalterata, occorrendo eseguire lavori non calcolati e diversi da quelli ai quali nel piano si è avuto riguardo" (Ricci, loc. cit., para. 246). Kieku l-attur ma tkellem xejn, u ma marx ikellem lill-inġinier Mortimer, meta nduna li l-pjanta li assuma li jaħdem u li tagħha kellu jitħallas mill-War Damage Commission ma kienetx bħal dik ta' qabel, kien ikun il-każ li jingħad "imputet sibi", u kien ikun

il-każ li wieħed jgħidlu "disce melius negotiari". Imma meta l-attur għamel dak li kellu raġjonevolment jagħmel, u l-konvenut kien, kif ġà ngħad, f'dolo. dan ma jistax javvantaġġja ruħu, u huwa l-każ li jiġi nvokat il-prinċipju "nemini licet locupletari cum aliena jactura" (Ricci, loc. cit. para. 246 bis, u Voudry, Degli Appalti, para. 4009);

F'dana l-każ l-attur intrapprenda li jagħmel ix-xogħol fuq il-pjanta li ġiet lilu murija u bl-assikurazzjoni li kellu jitħallas għal dak ix-xogħol mill-War Damage Commission. L-attur dak ix-xogħol għamlu b'soddisfazzjon tal-konvenut u tal-perit privat tiegħu, li ħareġ għalih l-ammont ta' £1714. 10. 4; imma l-War Damage Commission ħallset biss £1410, 4. 8, għax ix-xogħol li għamel l-attur kien, minħabba ħtija tal-konvenut, superjuri għal dak li kellha tħallas il-War Damage Commission. Għaldaqstant id-differenza għandu jħallasha l-konvenut, li kien f'dik il-ħtija (argom. App. 17 ta' Ottubru 1919, "Manara vs. Vassallo", Vol. XXIV—I—964; 18 ta' Marzu 1929 "Attard vs. Grima". Vol. XXVII—I—311; u Ricci, loc. cit., para. 249):

Illi dwar l-ammont mitlub mill-attur ma hemm ebda diverbju fuqu...........;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi konsegwentement id-domanda attriċi tiġi riġettata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur:

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-iskrittura li kopja tagħha tinsab eżibita fil-fol. 9 tal-proċess, l-attur ħa minn għand l-appellant l-appalt għall-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe xogħol ta' riparazzjonijiet meħtieġa fid-dar 56 u 57, St. Lazarus Street, Cospicua........... Gie wkoll stipulat li l-attur Farrugia "ma jkollu ebda dritt li jitlob minn għand l-istess Perici (l-appellant) l-ammont li tiegħu ma jkunx indennizzat mill-War Damage Commission; u għal kwalunkwe bwon fini l-konvenut Perici jawtorizza l-istess Farrugia li jagħmel ir-riparazzjonijiet li huma dovuti bil-gwerra biss"...........;

Ikkunsidrat;

Illi l-post imsemmi fiċ-ċitazzjoni u fl-iskrittura fuq indikata kien ġie mwaqqa' *bil-gwerra*, u *l-appellant* qabbad lillarkitett u nġinier ċivili............ il-pjanta originali tbiddlet għal kollox u l-fond ta' l-appellant ġie benefikat sewwa (fol. tergo)...........;

**Ikkunsidrat;**

Illi għalkemm meta saret l-iskrittura tal-24 ta' Lulju 1947 (fol. 9) l-attur kien ra l-pjanta li fuqha kellu jeżegwixxi x-xogħlijiet lilu kommissjonati, huwa kien ġustifikat jirritjeni li *dik il-pjanta* kienet konformi għall-istat li kien il-fond meta ġie mwaqqa' bil-gwerra, billi x-xogħlijiet li kellu jagħmel ġew espressament indikati bħala "dawk dovuti għall-gwerra biss". U meta ttenda li l-pjanta kienet ġiet mibdula, huwa eżegwixxa x-xogħol minnu intrapriż wara l-assikurazzjoni tal-persuna teknika, inkarikata mill-appellant għad-direzzjoni tax-xogħol, li kien sejjer jitħallas ta' kollox għaliex ma kien hemm ebda differenza ta' spiża bejn pjanta u oħra. Mill-provi li saru jirriżulta li dik l-assikurazzjoni l-perit Mortimer ma setax jagħtiha, għaliex minn żmien qabel kien jaf li l-War Damage Commission ma kienetx sejra tħallas l-ispiża kollha skond il-pjanta l-ġdida. Anki l-appellant kien jaf, jew kien messu jaf, b'dan, kif kien jaf li fir-rikostruzzjoni tal-fond kienu sejrin isiru tibdiliet sostanzjali; u frattant huwa ma wera b'xejn lillappellat. Anzi, b'ex igagħlu joqgħod għall-kondizzjonijiet ta' l-iskrittura, issemma biss li x-xogħlijiet li l-appellat kellu jagħmel kienu jikkonsistu unikament fir-riparazzjonijiet tal-ħsarat kaġunati mill-gwerra, b'mod li l-appellat qatt ma seta' għaddielu minn rasu li ta' dawk ix-xogħlijiet ta' riparazzjoni l-War Damage Commission qatt setgħet tirrifjutalu l-ħlas. Kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, dak l-aġir ta' l-appellant fil-konfront ta' l-appellat kien qarrieqi u doluż, u għalhekk l-istess appellant għandu jirrispondi għall-ħsara li sofra l-appellat bħala konsegwenza ta' l-imsemmi aġir tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud u s-sentenza *ta' l-Ewwel Qorti għandha tiġi* konfermata;

Għaldaqshekk;

Tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-3 ta' Ottubru 1950; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.